Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' Ġunju 2020**
**(OR. en)**

**8575/20**

**SPORT 18**
**EDUC 245**
**SOC 390**
**SUSTDEV 67**
**EMPL 308**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 8121/20 |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-kowċis biż-żieda ta' opportunitajiet għall-kisba ta' ħiliet u kompetenzi |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-kowċis biż-żieda ta' opportunitajiet għall-kisba ta' ħiliet u kompetenzi, approvati mill-Kunsill permezz tal-proċedura bil-miktub fl-4 ta' Ġunju 2020, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/556.

Dawn il-konklużjonijiet ser jintbagħtu għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, kif deċiż mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fis-27 ta' Mejju 2020.

# It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-kowċis biż-żieda ta' opportunitajiet għall-kisba ta' ħiliet u kompetenzi

*- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill -*

**IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL**

***JIRRIKONOXXU LI***

1. L-isport, fid-dimensjoni soċjali u soċjetali tiegħu, huwa meqjus bħala għodda importanti għas-saħħa, l-edukazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet, il-promozzjoni tal-valuri u l-inklużjoni soċjali u għandu valur soċjali u ekonomiku sinifikanti, kemm permezz tal-impjiegi kif ukoll permezz ta' attivitajiet volontarji.

2. L-ikkowċjar, kemm jekk jitwettaq minn voluntiera jew minn kowċijiet impjegati jew li jaħdmu għal rashom, għandu impatt konsiderevoli fuq l-atleti u l-parteċipanti fl-isport kemm mil-lat tat-taħriġ u l-proċess ta' tagħlim dirett tagħhom kif ukoll fl-iżvilupp personali tagħhom.

3. Il-kowċis jistgħu jikkontribwixxu biex jindirizzaw l-isfidi soċjetali fir-rigward tal-attività fiżika u l-benesseri, jiffaċilitaw il-kisba ta' ħiliet soċjali u oħrajn essenzjali, jippromwovu l-kompetizzjoni leali u jippromwovu l-valuri etiċi fost il-membri kollha tas-soċjetà. Dan isir speċjalment prominenti fi żminijiet ta' kriżi tas-saħħa, bħall-pandemija tal-COVID-19.

4. Fil-qasam tal-isport, il-pussess ta' ħiliet u kompetenzi huwa essenzjali għas-sodisfazzjon personali, l-impjegabbiltà u l-iżvilupp professjonali tal-kowċis kollha, sabiex ikunu lesti biex jirrispondu b'suċċess għall-isfidi varji li jiltaqgħu magħhom fix-xogħol tagħhom ta' kuljum, kif ukoll għall-aspettattivi dejjem jiżdiedu tas-soċjetà. Dan huwa daqstant importanti biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-atleti u l-parteċipanti fl-isport, tinżamm il-motivazzjoni tal-parteċipanti għal stili ta' ħajja b'saħħitha u attiva, jiġu żviluppati l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom u jiġu promossi l-valuri tal-isport. Il-kowċis b'ħiliet u kompetenzi rilevanti jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' qafas aktar strutturat tal-attività fiżika u tas-settur tal-isport.

5. Il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (2017-2020)[1] jirrikonoxxi l-isport u s-soċjetà, u b'mod partikolari r-rwol tal-kowċis u l-importanza tal-kwalifiki u l-kompetenzi tagħhom, bħala waħda mit-temi ta' prijorità għall-kooperazzjoni tal-UE fil-qasam tal-isport.

6. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja[2] tenfasizza li l-appoġġ lin-nies fl-Ewropa kollha biex jiksbu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għas-sodisfazzjon personali, is-saħħa, l-impjegabbiltà u l-inklużjoni soċjali, jgħin biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Ewropa fi żmien ta' tibdil rapidu u profond.

7. Il-Karta Internazzjonali dwar l-Edukazzjoni Fiżika, l-Attività Fiżika u l-Isport[3] tenfasizza li l-persunal kollu li jassumi r-responsabbiltà professjonali għall-edukazzjoni fiżika, l-attività fiżika u l-isport irid ikollu l-kwalifiki, it-taħriġ u l-aċċess xierqa għall-iżvilupp professjonali kontinwu. Kowċis voluntiera, uffiċjali u persunal ta' appoġġ għandhom jiġu offruti taħriġ u superviżjoni xierqa. Opportunitajiet speċifiċi għal taħriġ inklużiv u adattiv fil-livelli kollha tal-parteċipazzjoni għandhom ikunu disponibbli b'mod wiesa'.

[1] ĠU C 189, 15.6.2017, p. 5.
[2] ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1.
[3] https://unesdoc.unesco.org/ark:/48223/pf0000235409.

8. Skont studju tal-2016 dwar il-kwalifiki tal-isport miksuba permezz ta' organizzazzjonijiet sportivi u istituti edukattivi[4], l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet sportivi jirrikonoxxu l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kwalità u l-kwantità ta' persuni kwalifikati aħjar fis-settur tal-isport. Din il-ħtieġa hija marbuta maż-żieda reċenti fl-għarfien dwar ir-rwol tal-isport fis-soċjetà.

9. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-kowċis fis-soċjetà[5] jindikaw li x-xogħol tal-kowċis huwa assoċjat mar-responsabbiltà, il-ħiliet u l-kompetenzi, u waħda mill-kwistjonijiet imsemmija tirreferi għall-espansjoni tal-opportunitajiet għall-kowċis għat-tagħlim tul il-ħajja u l-edukazzjoni. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri ġew mistiedna jappoġġaw l-iżvilupp tat-tagħlim preċedenti u sistema ta' tagħlim tul il-ħajja, u jippromwovu, fi ħdan is-sistema tal-edukazzjoni sportiva, approċċ ta' eżiti tat-tagħlim ibbażat kemm fuq l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki (QNK) u kemm fuq l-għanijiet tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) u fuq l-inklużjoni, fejn xieraq, ta' kwalifiki tal-ikkowċjar fil-QNK b'referenza għall-QEK[6].

10. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabilità[7] jistiednu lill-Istati Membri biex jappoġġaw l-edukazzjoni u t-taħriġ ulterjuri tal-għalliema tal-edukazzjoni fiżika, il-kowċis, persunal ieħor u voluntiera tal-isport b'mod ġenerali sabiex ikunu jistgħu jinkludu persuni b'diżabilità f'kuntesti differenti ta' edukazzjoni fiżika jew sport.

11. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-salvagwardja tat-tfal fl-isport[8] jistiednu lill-Istati Membri fost l-oħrajn biex jikkunsidraw li jintroduċu u jsaħħu miżuri ta' edukazzjoni u taħriġ inizjali u kontinwi mmirati għall-kowċis għall-prevenzjoni tal-vjolenza u l-abbuż kemm fiżiċi kif ukoll emozzjonali.

---

4 https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/28026772-9ad0-11e6-868c-01aa75ed71a1.
5 ĠU C 423, 9.12.2017, p.6.
6 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017 dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja
7 ĠU C 192, 7.6.2019, p. 18.
8 ĠU C 419, 12.12.2019, p. 1.

12. Il-Linji Gwida dwar ir-rekwiżiti minimi fil-ħiliet u l-kompetenzi għall-kowċis[9], kif imħejjija mill-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar il-Ħiliet u r-Riżorsi Umani fl-Isport, jiddeskrivu l-kompetenzi ewlenin li l-kowċis jenħtieġ li jkollhom.

***FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW LI***

13. Fl-Istati Membri, is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-kowċis huma r-responsabbiltà ta' istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet differenti u għalhekk dawn is-sistemi jvarjaw. F'dan il-kuntest, ir-rwol tas-sħab soċjali f'kull Stat Membru jrid jiġi rispettat, f'konformità mal-prattiki nazzjonali.

14. Hemm varjetà ta' tipi u livelli ta' involviment tal-kowċis li jeżistu fl-Istati Membri – minn voluntiera għal kowċis impjegati u li jaħdmu għal rashom, minn dawk involuti fl-isport tal-massa għal dawk li jaħdmu fl-isport professjonali.

9 Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-kowċis fis-soċjetà (2017), il-Kummissjoni Ewropea kienet mistiedna tikkunsidra li fil-ħidma tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar il-Ħiliet u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani tinkludi linji gwida dwar ir-rekwiżiti bażiċi għall-ħiliet u l-kompetenzi tal-kowċis.

15. Minkejja l-kwistjoni ta' metodoloġija mhux uniformi u n-nuqqas ta' ġbir sistematiku ta' data dwar l-għadd u t-tipi ta' kowċis fil-livell tal-UE, hemm ċerti ċifri u stimi li jirriflettu l-kuntest. Skont id-data disponibbli, l-impjiegi fl-isport fl-UE żdiedu bejn l-2011 u l-2018[10]. Iċ-ċifri, madankollu, ma jirriflettux il-kowċis li jaħdmu bħala voluntiera. Fl-istess ħin, ix-xogħol fuq bażi volontarja qed isir dejjem aktar importanti u l-għadd ta' kowċis voluntiera madwar l-UE huwa estensiv u kapillari. Huwa stmat li jista' jkun hemm minn 5 sa 9 miljun kowċ li joperaw madwar l-Ewropa, b'firxa probabbli ta' bejn 50 u 100 miljun parteċipant fl-isport[11].

16. Bidliet u sfidi fis-soċjetà u fl-isport, bħal kwistjonijiet demografiċi, pandemiji u kriżijiet oħra tas-saħħa, stili ta' ħajja sedentarji, metodi ta' kkowċjar ġodda (inkluż l-innovazzjoni u l-bidliet teknoloġiċi), żviluppi relatati mas-salvagwardja tal-integrità tal-isport u r-rwol li għandhom il-kowċis fl-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu pprovduti edukazzjoni u taħriġ xierqa biex il-kowċis ikunu jistgħu jindirizzaw b'suċċess dawn l-isfidi l-ġodda.

17. L-inkoraġġiment ta' gruppi ta' persuni speċifiċi[12] biex jipparteċipaw fl-isport jirrikjedi ċerti ħiliet u kompetenzi speċifiċi, speċjalment fir-rigward ta' ambjent sikur, is-saħħa fiżika u mentali u l-benesseri tal-atleti u l-parteċipanti fl-isport.

---

10 Skont id-data tal-Eurostat (Employment in sport - Statistics Explained, Eurostat, 2019) l-impjiegi fl-isport żdiedu bi 3.2 % bejn l-2013 u l-2018 f'termini ta' rata ta' tkabbir medja annwali. ESSA – SPORT Project, 2019, wera li r-rata ta' tkabbir akkumulata bejn l-2011 u l-2018 kienet ta' 19.2 %; bir-rata ta' tkabbir għall-kowċis, l-għalliema u l-uffiċjali tal-isport ta' 85.2 %.

11 CoachLearn project, 2015.

12 Ara d-definizzjoni fl-Anness

18. Il-livelli ta' parteċipazzjoni fl-isport u l-attività fiżika qed jonqsu[13]. Dan jista' jkun marbut ukoll ma' sfidi differenti marbuta mal-urbanizzazzjoni u n-nuqqas ta' żoni urbani ekoloġiċi, id-demografija u l-istil ta' ħajja. L-għan ta' livelli dejjem akbar ta' attività fiżika fis-soċjetà Ewropea jista' jqiegħed pressjoni u talbiet fuq is-settur tal-isport, inkluż l-kowċis. Għalhekk, il-kapaċitajiet tal-kowċis li jimmotivaw liċ-ċittadini biex jipprattikaw attivitajiet sportivi u fiżiċi u li jappoġġaw is-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini jenħtieġ li jissaħħu, u jenħtieġ li titqies l-ħtieġa li jiġu żviluppati programmi ġodda għal prattiki ta' attività fiżika u ta' taħriġ adattati għall-ħtiġijiet ta' soċjetà li qed tinbidel u f'perijodi ta' kriżi tas-saħħa, bħall-pandemija tal-COVID-19.

***FILWAQT LI JIRRIKONOXXU LI***

19. Hemm differenzi fir-rekwiżiti għall-kwalifiki tat-taħriġ u tal-ikkowċjar kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll bejn l-organizzazzjonijiet sportivi differenti, u l-fornituri tal-edukazzjoni joffru programmi edukattivi differenti għall-kowċis. Il-kowċis jistgħu jiksbu ħiliet u kompetenzi permezz tal-edukazzjoni formali u t-tagħlim mhux formali u dak informali. Is-sitwazzjoni fl-Istati Membri fir-rigward ta' sistemi ta' rikonoxximent u validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u dak informali tvarja wkoll.

20. Fil-livell tal-UE, id-dimensjoni edukattiva fl-isport hija appoġġata permezz tal-programm Erasmus+, proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji, kif ukoll strumenti finanzjarji oħra. Il-proġetti jipprovdu opportunitajiet ta' tagħlim, skambji u mobbiltà, kif ukoll it-tisħiħ tal-ħiliet u l-kompetenzi tal-kowċis, speċjalment permezz tal-iskambju u l-iżvilupp ta' prattiki tajba.

[13] Ir-Rapport Speċjali Nru 472 tal-Ewrobarometru: L-isport u l-attività fiżika, Marzu 2018

*JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, FILWAQT LI JQISU L-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX, FIL-LIVELLI XIERQA*

21. Iżidu s-sensibilizzazzjoni, f'kooperazzjoni mal-moviment sportiv, dwar ir-rwol tal-kowċis fl-isport u s-soċjetà u dwar l-importanza tal-ħiliet u l-kompetenzi li huma essenzjali għall-ikkowċjar u li jistgħu jrawmu l-apprezzament u r-rikonoxximent tal-ħidma siewja tal-kowċis.

22. F'kooperazzjoni mal-moviment sportiv, itejbu l-opportunitajiet għall-edukazzjoni u l-ksib ta' ħiliet u kompetenzi għall-volontarjat, kif ukoll għall-kowċis impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom, filwaqt li jqisu l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-diversità fl-ikkowċjar, it-tip u l-livell tal-involviment, ir-responsabbiltajiet u l-kwalifiki, l-ħiliet u l-kompetenzi miksuba, u jimmotivaw lill-kowċis biex jibbenefikaw mill-opportunitajiet offruti.

23. Iħeġġu l-kooperazzjoni bejn is-setturi tal-isport u dawk edukattivi fl-iżvilupp ta' programmi edukattivi u ta' taħriġ għall-kowċis, filwaqt li jqisu, fost l-oħrajn, il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-possibbiltajiet offruti mit-teknoloġija, l-għodod diġitali u l-innovazzjoni. Jenħtieġ li jitqiesu l-implimentazzjoni tal-programmi f'perijodi ta' kriżi tas-saħħa bħall-pandemija tal-COVID-19.

24. Iħeġġu s-settur tal-isport biex, fejn xieraq, jiżviluppa korsijiet jew moduli edukattivi u ta' taħriġ li huma ffukati fuq ħiliet ġenerali applikabbli ta' kkowċjar, bħall-immaniġġar, il-pedagoġija, l-integrità u s-sikurezza, u li jagħti dawn il-korsijiet lill-kowċis fit-tipi u l-fergħat sportivi kollha, sabiex jistimulaw il-kooperazzjoni u t-tagħlim bejn l-isports differenti.

25. F'kooperazzjoni mal-moviment sportiv, jippromwovu r-rikonoxximent u l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u dak informali fl-isport.

26. Jiskambjaw esperjenzi u jappoġġaw, kif xieraq l-inklużjoni ta' kwalifiki tal-ikkowċjar f'QNK fl-istruttura tal-implimentazzjoni tal-QEK, li jistgħu jikkontribwixxu għar-rikonoxximent uffiċjali tal-professjoni tal-ikkowċjar u għall-mobbiltà ta' dawk li qed jitgħallmu u tal-ħaddiema fl-UE.

27. Jippromwovu l-possibilitajiet ta' teknoloġiji moderni fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, bħat-tagħlim online, bħala komplementari mal-metodi tradizzjonali, sabiex jipprovdu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa lil aktar kowċis, filwaqt li jittieħed kont tal-impatt finanzjarju li l-użu tat-teknoloġiji moderni jista' jkollu fuq il-kowċis.

28. Jippromwovu l-ħiliet u l-kompetenzi tal-kowċis bħala aspett integrali biex jipprovdu lill-atleti u lill-parteċipanti sportivi kollha, inkluż gruppi ta' persuni speċifiċi, b'kundizzjonijiet ta' taħriġ sikuri, li huma adattati għall-ħtiġijiet, l-abbiltajiet u l-kapaċitajiet differenti tagħhom.

29. Iħeġġu l-moviment tal-isport sabiex il-kowċis ikollhom il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għall-ħidma tagħhom ma' gruppi ta' persuni speċifiċi, speċjalment fir-rigward ta' ambjent sikur, il-kontribut għas-saħħa fiżika u mentali u l-benesseri tal-atleti u l-parteċipanti fl-isport.

30. Iħeġġu opportunitajiet edukattivi għall-kowċis kollha, fejn xieraq bħala parti minn strateġiji u azzjonijiet nazzjonali u/jew subnazzjonali fil-qasam tal-isport u tal-attivitajiet fiżiċi li jtejbu s-saħħa, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet edukattivi tal-kowċis, ir-rekwiżiti tal-isport professjonali u tal-massa, il-ħtiġijiet u l-abbiltajiet tal-atleti u l-parteċipanti fl-isport, u l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

***JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FI ĦDAN L-ISFERI TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U FILWAQT LI JQISU L-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX***

31. Ikomplu jappoġġaw id-dimensjoni edukattiva tal-isport permezz taż-żieda tal-edukazzjoni, tal-programmi ta' taħriġ u tal-opportunitajiet ta' tagħlim għall-kowċis, inkluż ħidma ma' gruppi ta' persuni speċifiċi u ħidma fi żminijiet ta' kriżi tas-saħħa bħall-COVID-19. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jitqiesu wkoll il-possibbiltajiet offruti mit-teknoloġija, l-għodod diġitali u l-innovazzjoni.

32. Jippromwovu u jappoġġaw, fil-livell nazzjonali u dak Ewropew, l-aċċessibbiltà għal mogħdijiet edukattivi u ta' tagħlim diversifikati fis-settur tal-isport kollu u jippromwovu t-tagħlim mhux formali kemm offline kif ukoll online, bħala opportunità għall-kowċis biex jiksbu t-taħriġ meħtieġ.

33. Jappoġġaw it-taħriġ, il-mobbiltà għat-tagħlim u l-impjegabbiltà tal-kowċis permezz ta' programmi, fondi u strumenti rilevanti tal-UE, u jħeġġu l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha dwar l-użu effettiv ta' dawn l-istrumenti, bħala opportunità għat-titjib tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-kowċis, il-faċilitazzjoni tal-iskambju tal-aħjar prattiki u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar proġetti eżistenti.

34. Jippromwovu, f'kooperazzjoni mal-moviment sportiv, l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida rigward ir-rekwiżiti minimi fil-ħiliet u l-kompetenzi għall-kowċis fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fis-settur sportiv.

35. Jikkunsidraw, f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, li jappoġġaw l-iżvilupp ta' sistemi ta' ġbir ta' data komparabbli biex jinkiseb għarfien dwar l-għadd totali ta' persuni involuti fl-ikkowċjar u t-tip u l-livell tal-involviment tagħhom, kif ukoll studji kwalitattivi dwar il-livell ta' kwalifiki, il-ħtiġijiet edukattivi u kwistjonijiet rilevanti oħra tagħhom. F'dan ir-rigward, fejn hu rilevanti jistgħu jintużaw l-istrumenti eżistenti kollha, inkluż il-Europass.

36. Jappoġġaw, jippromwovu u jxerrdu studji u pubblikazzjonijiet dwar opportunitajiet edukattivi għal kowċis u sistemi ta' edukazzjoni ta' kowċis.

37. Jappoġġaw attivitajiet rilevanti, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenzi bejn dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet ikkonċernati fil-qasam tal-isport sabiex jippromwovu rekwiżiti minimi fil-ħiliet u l-kompetenzi, ir-rikonoxximent tat-tagħlim preċedenti bbażat fuq l-eżiti tat-tagħlim u l-iżvilupp ta' sistema ta' tagħlim tul il-ħajja għall-kowċis, inkluż il-voluntiera.

***JISTIEDNU LILL-MOVIMENT SPORTIV BIEX***

38. Iqis il-Linji Gwida rigward ir-rekwiżiti minimi fil-ħiliet u l-kompetenzi għall-kowċis meta joħloq dokumenti strateġiċi, jiżviluppa u jaġġorna programmi edukattivi u ta' taħriġ eżistenti għall-kowċijiet, inkluż il-voluntiera kif ukoll il-kowċis impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom.

39. Jiżviluppa programmi għall-kisba tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għall-ħidma ma' gruppi speċifiċi, u jiżgura li l-kowċis ikollhom il-kwalifiki xierqa fir-rigward tal-kontribut għal ambjent sikur, is-saħħa fiżika u mentali u l-benesseri tal-atleti u l-parteċipanti fl-isport, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi tas-saħħa, bħall-pandemija tal-COVID-19.

40. F'kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet rilevanti fil-livell tal-UE, il-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, isaħħaħ il-kooperazzjoni transettorjali sabiex jiġu applikati ideat u metodi ġodda fil-ħidma ta' kuljum, u jinvolvu s-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-iżvilupp ta' programmi ta' edukazzjoni u taħriġ għall-kowċis. F'dan ir-rigward, jinkoraġġixxi l-kollaborazzjoni bejn il-kowċis u l-komunità xjentifika sabiex jiġi promoss it-trasferiment tar-riċerka xjentifika mfassla apposta għall-kowċis fil-ħidma tagħhom ta' kuljum.

41. Jippromwovi l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-kowċis kif ukoll il-kisba tagħhom tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa bħala assi għall-organizzazzjonijiet sportivi. F'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-kowċis biex jipparteċipaw f'attivitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja, inkluż taħriġ fuq il-post fl-ikkowċjar u l-possibbiltajiet ta' teknoloġiji moderni bħala valur miżjud fl-edukazzjoni, kif ukoll fil-proċess ta' taħriġ sportiv.

42. Juża fondi u programmi tal-UE rilevanti biex itejjeb l-opportunitajiet u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-kowċis, inkluż il-voluntiera kif ukoll il-kowċis impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom.

***Definizzjonijiet:***

Għall-iskopijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Il-"kowċis" huma l-persuni li jippjanaw u jagħtu t-taħriġ sportiv, billi japplikaw ħiliet u għarfien dimostrabbli għall-prestazzjoni, ir-rikreazzjoni jew il-miri tas-saħħa b'mod sikur[14]

"Gruppi ta' persuni speċifiċi" jistgħu jinkludu, fost oħrajn, tfal, żgħażagħ, anzjani, persuni b'diżabilità, persuni li ġejjin minn ambjenti żvantaġġati u persuni bi problemi ta' saħħa, irrispettivament mill-ġeneru u l-oriġini etnika.

***Referenzi:***

Fl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill ifakkar, b'mod partikolari, f'dan li ġej:

- Special Eurobarometer on Volunteering and Intergenerational Solidarity (Ewrobarometru Speċjali dwar il-Volontarjat u s-Solidarjetà Interġenerazzjonali), Ottubru 2011
- Ir-Rapport Speċjali Nru 472 tal-Ewrobarometru: L-isport u l-attività fiżika, Marzu 2018
- CoachLearn project,

http://www.coachlearn.eu/_assets/files/project_documents/coachlearn-project-summary-website-june-2015.pdf

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-kowċis fis-soċjetà (ĠU 2017/C 423/04)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-massimizzazzjoni tar-rwol tal-isport tal-massa fl-iżvilupp ta' ħiliet trasversali, speċjalment fost iż-żgħażagħ (ĠU 2015/C, 172/03)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-salvagwardja tat-tfal fl-isport, (ĠU 2019/C 419/01)

[14] Definizzjoni ta' kowċis kif miftiehem fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-kowċis fis-soċjetà

- Mapping and analysis of education schemes for coaches from a gender perspective: a report to the European Commission, ECORYS, 2017

- Mapping on access to sport for people with disabilities: a report to the European Commission, ECORYS, 2018

- ESSA-Sport project, 2019 https://www.essa-sport.eu/essa-sport-outcomes-are-now-available

- Kummissjoni Ewropea, DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, https://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=mt&catId=1062

- International Charter on Physical Education, Physical Activity and Sport, UNESCO, SHS/2015/PI/H/14 REV

- Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għal Ewropa Inklużiva u Kompetittiva (ĠU 2016/C 467/01)

- Studju dwar il-kwalifiki tal-isport miksuba permezz tal-organizzazzjonijiet sportivi u l-istituti edukattivi (sportivi)), Kummissjoni Ewropea, 2016[15]

- Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Lulju 2017 sal-31 ta' Diċembru 2020) (ĠU, 2017/C 189/02)

- Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali

- Direttiva 2013/55/UE li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern

15 https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/28026772-9ad0-11e6-868c-01aa75ed71a1.

- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja u li tħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU, 2017/C 189/03)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU 2018/C 189/01)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-isport bħala pjattaforma għall-inklużjoni soċjali permezz tal-volontarjat (2017/C 189/09)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabilità (ĠU 2019/C 192/06).